



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 19 ta' Diċembru 2012 (20.12)  
(OR. en)**

**17820/12**

**ENER 537  
ENV 960**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

---

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
|-------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur                                                                                                                                                                                                                                |
| data meta waslet: | 17 ta' Diċembru 2012                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |
| lil:              | Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni<br>Ewropea                                                                                                                                                                                                                                                    |
| Nru dok. Cion:    | COM(2012) 765 final                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
| Suġġett:          | Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill<br>- Reviżjoni tad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-<br>Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta'<br>rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija<br>(riformulazzjoni)<br>= Reviżjoni tal-2012 |

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż dokument tal-Kummissjoni COM(2012) 765 final.

Mehmuż: COM(2012) 765 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 17.12.2012  
COM(2012) 765 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**Reviżjoni tad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-  
21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal  
prodotti relatati mal-enerġija (riformulazzjoni)**

**Reviżjoni tal-2012**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

# **RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Reviżjoni tad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (riformulazzjoni)**

## **Reviżjoni tal-2012**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

### **1. Introduzzjoni**

Skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn, il-Kummissjoni hi mitluba li tirrevedi, sa mhux aktar tard mill-2012, l-effettività tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn u tal-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha, u biex tevalwa kemm hi xierqa l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għal prodotti li mhumiex relatati mal-enerġija.

### **2. Effettività tad-Direttiva**

Fl-2011, il-Kummissjoni nediet studju apposta (minn hawn 'il quddiem "l-istudju ta' evalwazzjoni") bil-għan li jirrevedi l-effettività ta' (i) id-Direttiva u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha, (ii) il-metodoloġija tal-Ekodisinn, (iii) il-limitu tal-miżuri ta' implimentazzjoni kif deskritt fl-Artikolu 15 tad-Direttiva, (iv) is-sorveljanza tas-suq, u (v) miżuri awtoregulatorji<sup>1</sup>.

Tlesta studju speċifiku separat sabiex jaġġorna l-metodoloġija tal-ekodisinn, li wassal għall-Metodoloġija għall-ekodisinn ta' prodotti relatati mal-enerġija (MEErP)<sup>2</sup>.

L-istudju ta' evalwazzjoni kkonkluda li, b'mod ġenerali, id-Direttiva dwar l-Ekodisinn qed tikseb l-għanijiet tal-politika tagħha (il-moviment liberu tal-merkanzija u l-protezzjoni tal-ambjent), u li l-ebda reviżjoni tad-Direttiva ma hija meqjusa xierqa bħalissa jew meħtieġa biex tiżdied l-effettività tagħha u tal-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha.

B'mod partikulari, l-istudju wera li:

- Fil-prinċipju, id-Direttiva qed tikseb l-għanijiet tal-politika tagħha. Mill-2005 l-enfasi prinċipali tal-miżuri ta' implimentazzjoni kien fuq l-effiċjenza fl-enerġija. Id-dejta disponibbli turi pass lejn l-effiċjenza tal-enerġija għall-prodotti kollha regolati minn miżuri ta' implimentazzjoni tal-Ekodisinn<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> Għar-rapport finali (li ġie ppubblikat f'Marzu 2012) jekk jogħġbok ara [http://cses.co.uk/ecodesign\\_evaluation](http://cses.co.uk/ecodesign_evaluation)

<sup>2</sup> Għall-metodoloġija l-ġdida, jekk jogħġbok ara <http://www.meerp.eu/>

<sup>3</sup> Fi tliet każijiet (dawl domestiku, stand-by, ċirkolaturi) hemm kontribuzzjoni diretta tar-rekwiżiti tal-Ekodisinn għal dan il-pass. F'każ minnhom (telewizjonijiet), il-bidla teknoloġika titqies li kellha l-akbar rwol x'taqdi. F'każ minnhom (provvisi tal-elettriku esterni) id-dejta ma kenitx biżżejjed biex tevalwa l-effetti tal-miżura ta' implimentazzjoni.

- Għadu kmieni wisq biex issir evalwazzjoni korretta tal-effett sħiħ tad-Direttiva u tal-miżuri ta' implimentazzjoni u awtoregolazzjoni obbligatorji minħabba l-perjodu insuffiċjenti tal-applikazzjoni tagħhom. Għal wieħed mit-tliet il Regolament tal-ekodisinn adottati fiż-żmien tal-evalwazzjoni, ir-rekwiżiti tal-Grad 1 kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ u għal tmien miżuri ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti tal-Grad 2 kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ. Barra minn hekk, miż-żewġ ftehimiet volontarji proposti, l-ebda waħda ma ġiet approvata uffiċjalment mill-Kummissjoni sa issa<sup>4</sup>.
- Huwa meqjus li l-kriterji indikattivi għall-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni tal-ekodisinn, definiti fl-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn, jibqgħu xierqa.
- Bosta kwistjonijiet metodoloġiċi ġew indirizzati mill-istudju dwar il-Metodoloġija (għida) għall-ekodisinn tal-prodotti relatati mal-enerġija (MEErP).

L-istudju identifika wkoll għadd ta' sfidi ffaċċjati fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri fl-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha, fosthom:

- Proċedura preparatorja kumplessa u twila;
- Dejta limitata għal deċiżjonijiet infurmati ta' politika (pereżempju x-xejriet tas-suq u l-bidliet teknoloġiċi, id-dejta tas-suq, id-dejta tal-prestazzjoni minn attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, eċċ.);
- Koordinazzjoni insuffiċjenti ta' miżuri tal-ekodisinn ma' partijiet oħra tal-leġislazzjoni tal-UE, bħad-Direttivi WEEE, RoHS jew EPBD;
- Riżorsi insuffiċjenti biex jittrattaw l-ammont li qed jikber ta' ħidma regolatorja, ta' komunikazzjoni u ta' standardizzazzjoni;
- Kwistjoni fuq il-livell ta' ambizzjoni ta' xi rekwiżiti, speċjalment fil-Grad 1;
- Potenzjal li jibqa' biex jiġu indirizzati ulterjorment kwistjonijiet li mhumiex relatati mal-enerġija (pereżempju l-effiċjenza materjali, ir-riċiklabilità, eċċ.);
- Dewmien fl-elaborazzjoni ta' standards armonizzati adatti;
- Sorveljanza insuffiċjenti u ineffettiva tas-suq<sup>5</sup>.

Abbażi ta' dan l-istudju, il-Kummissjoni fasslet għadd ta' konklużjonijiet dwar l-azzjoni li trid tittieħed. B'mod partikulari, il-Kummissjoni qed tieħu azzjonijiet li konsegwentement se jikkontribwixxu għal titjib fl-applikazzjoni tad-Direttiva u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha. L-aktar azzjonijiet rilevanti jkunu:

- Id-delegazzjoni ta' ħidma mhux regolatorja (notevolment attivitajiet ta' komunikazzjoni) lil entitajiet esterni, sabiex ir-riżorsi tal-Kummissjoni jiġu assenjati għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' atti li jorbtu legalment. Il-Kummissjoni se

<sup>4</sup> Ftehim volontarju dwar kaxxi set-top kumplessi għadu skedat għal rikonoxximent fl-2012 filwaqt li l-ftehim dwar tagħmir għal immaġnijiet termiċi se jkun rikonoxxut fl-2013.

<sup>5</sup> Huwa stmat li 10-20% tal-prodotti koperti minn miżuri ta' implimentazzjoni ma humiex konformi.

tuża l-Europe Direct<sup>6</sup> biex twieġeb għall-mistoqsijiet pubbliċi dwar l-ekodisinn, it-tikkettar tal-enerġija u t-tikkettar tat-tajers. Barra minn hekk, il-Kummissjoni flimkien mal-EACI qed tistabbilixxi "helpdesk ta' komunikazzjoni" li se jagħti l-appoġġ tiegħu fi (i) it-tnejn u t-tliet ta' kampanji ta' informazzjoni dwar l-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija u (ii) it-tnejniet għal mistoqsijiet sottomessi minn ċittadini, partijiet interessati u partijiet rilevanti oħrajn.

- It-tkomplija tal-użu ta' għarfien espert tekniku ta' korpi oħra tal-UE, fosthom iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) u l-EACI. Pereżempju, il-JRC se jkun aktar involut fl-iżvilupp ta' kontribut tekniku għal miżuri ta' implimentazzjoni ġodda u se jsegwi x-xogħol ta' standardizzazzjoni għal gruppi ta' prodotti magħżula kif ukoll se jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' proċess leġislativ aktar integrat ta' strumenti ta' politika differenti (Ekodisinn, Tikkettar tal-Enerġija, Ekotikketta, APE, WEEE, RoHS, eċċ.)
- It-tkomplija tat-tisħiħ tal-użu tal-għarfien espert tal-partijiet interessati (l-Istati Membri, l-industrija u l-NGOs), b'mod partikulari fil-proċess ta' reviżjoni u r-reviżjoni tal-miżuri ta' implimentazzjoni eżistenti<sup>7</sup>.
- Barra minn hekk, qed titwaqqaf ukoll bażi tad-dejta dwar l-effiċjenza tal-enerġija u aspetti ambjentali oħra ta' prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE.
- L-użu ta' esperti esterni (fosthom Konsulenti tal-Approċċ il-Ġdid) sabiex isegwu aktar mill-qrib ix-xogħol ta' standardizzazzjoni mwettaq mill-Korpi Ewropej għall-Istandardizzazzjoni għall-iskop ta' miżuri ta' implimentazzjoni tal-Ekodisinn. Barra minn hekk, l-appoġġ għall-NGOs biex jippermetti l-involviment attiv tagħhom fix-xogħol ta' standardizzazzjoni.
- It-tnedija ta' eżerċizzju annwali ta' għir ta' dejta dwar is-sorveljanza tas-suq u tal-Azzjoni Konġunta dwar is-Sorveljanza tas-Suq bejn l-awtoritajiet nazzjonali taħt il-Programm ta' Ħidma tal-2013 għall-Enerġija Intelliġenti-Ewropa (IEE) biex jitjieb it-tisħiħ tal-leġislazzjoni dwar it-tikkettar tal-Ekodisinn u tal-Enerġija. Qed titwaqqaf ukoll bażi tad-dejta dwar l-effiċjenza tal-enerġija u aspetti ambjentali oħra ta' prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE.

### 3. Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva

Wara d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 tad-Direttiva, l-istudju vvaluta wkoll kemm hi xierqa l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għal prodotti mhux relatati mal-enerġija.

Abbażi tal-istudju, il-Kummissjoni kkonkludiet li, bħalissa, ma hemm l-ebda hteġa għall-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn għal prodotti mhux relatati mal-enerġija.

B'mod partikulari, l-istudju wera:

---

<sup>6</sup> Ara [http://europa.eu/europedirect/index\\_mt.htm](http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)

<sup>7</sup> 11-il miżura ta' implimentazzjoni se tiġi riveduta sa tmiem l-2014 (tmien miżuri tal-ekodisinn u tlieta tat-tikkettar tal-enerġija).

- L-esperjenza insuffiċjenti mal-kamp ta' applikazzjoni attwali tad-Direttiva (estiża fir-riformulazzjoni tal-2009 għall-prodotti relatati mal-enerġija). Sa issa, il-miżuri ta' implimentazzjoni kollha mħejjija mill-Kummissjoni jikkonċernaw prodotti li jużaw l-enerġija. Il-Pjan ta' Ħidma dwar l-Ekodisinn għall-perjodu bejn l-2012 u l-2014 jinkludi l-ewwel gruppi ta' prodotti relatati mal-enerġija, bħal, pereżempju, it-twieqi u l-insulazzjoni termali.
- Il-ħtieġa li titlesta, bħala l-ewwel prijorità, il-ħidma regolatorja taħt id-Direttiva dwar l-Ekodisinn tal-2005 u l-ewwel Pjan ta' Ħidma tal-Ekodisinn 2009-2011. Inkella, l-ammont ta' xogħol li qed jikber li jirriżulta mill-ħtieġa li jiġu implimentati l-Pjanijiet ta' Ħidma eżistenti<sup>8</sup> u li jitniedu studji preparatorji għal gruppi ġodda tal-prodotti, flimkien ma' riżorsi limitati, ikun qed jirriskja li jipposponi (għall-inqas sal-2015) il-ħidma regolatorja fuq gruppi ta' prodotti li mhumix relatati mal-enerġija.
- L-approċċ differenti meħtieġ għal prodotti li ma humix relatati mal-enerġija. Għall-kuntrarju ta' prodotti li jużaw l-enerġija, ħafna prodotti li mhumix relatati mal-enerġija (pereżempju l-ikel, ix-xorb, it-tessuti) għandhom impatt ambjentali sinifikanti li jseħħ prinċipalment fil-fażi l-aktar bikrija taċ-ċiklu tal-ħajja (pereżempju, il-produzzjoni tal-materja prima fil-bhejjem u fl-għelejjel) u għaldaqstant l-ittestjar tal-prodott ma jibqax xieraq għall-valutazzjoni tal-konformità.
- Id-diffikultà sinifikanti attwali fit-twaqqif ta' rekwiżiti infurzabbli tal-ekodisinn għal dawk il-gruppi tal-prodotti li mhumix relatati mal-enerġija mal-ogħla potenzjal għall-iffrankar<sup>9</sup>.

#### 4. Konklużjoni

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Forum Konsultattiv dwar l-Ekodisinn fid-19 ta' April 2012 dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-istudju ta' evalwazzjoni u dwar il-konklużjonijiet preliminari tagħha. Il-fehmiet tal-Kummissjoni dwar il-mixja 'l quddiem sabiex tittejjeb l-effikaċja tad-Direttiva u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha, kif ukoll dwar il-kamp ta' applikazzjoni tagħha ġew appoġġjati bis-sħiħ mill-partijiet interessati<sup>10</sup>.

Għaldaqstant il-Kummissjoni tikkonkludi li **la hemm ħtieġa għal reviżjoni immedjata tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn, u lanqas għall-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha għal prodotti li mhumix relatati mal-enerġija** u tipproponi dan l-approċċ:

- Jekk xieraq, aspetti speċifiċi tad-Direttiva tal-Ekodisinn li kienu soġġetti għar-reviżjoni preżenti jistgħu jiġu evalwati mill-ġdid fir-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva tat-Tikkettar tal-Enerġija fl-2014. L-effetti ta' regolamenti ta' implimentazzjoni tal-ekodisinn u r-regolamenti delegati tat-tikkettar tal-enerġija applikabbli għall-istess prodott relatati mal-enerġija ta' spiss huma marbuta u kumplimentari;

<sup>8</sup> Prinċipalment l-implimentazzjoni, il-komunikazzjoni u attivitajiet legali u l-ħidma dwar 35 standard  
<sup>9</sup> Ir-rekwiżiti tal-prodotti jidhru fattibbli għal prodotti mhux relatati mal-enerġija bħall-għamara, il-kimiki tat-tindif, is-saqqijiet, il-ġugarelli. Madankollu, dawn il-prodotti jirrappreżentaw sehem minuri tal-impatti ambjentali totali ta' prodotti li mhumix relatati mal-enerġija.

<sup>10</sup> Ara l-minuti tal-Forum Konsultattiv dwar l-Ekodisinn tad-19 ta' April 2012 [http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sustainable-business/ecodesign/consultation-forum/files/20120419\\_minuti\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sustainable-business/ecodesign/consultation-forum/files/20120419_minuti_en.pdf)

- Kwalunkwe studju ta' valutazzjoni futur li jirrevedi aspetti speċifiċi tad-Direttiva tal-Ekodisinn għandu:
  - iqis ir-riżultati tal-studju ta' valutazzjoni tal-2011 u, fejn ikun meħtieġ, jaġġorna r-rakkomandazzjonijiet tiegħu;
  - fid-dawl ta' evidenza ġdida disponibbli, għandha tingħata attenzjoni speċjali lil dawk l-aspetti li setgħu ma ġewx evalwati kompletament fl-istudju ta' evalwazzjoni tal-2011 (bħall-effiċjenza tal-miżuri ta' implimentazzjoni u l-istandards armonizzati u koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn l-implimentazzjoni ta' żewġ Direttivi).

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet interessati fuq it-titjib tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha.